**Messaġġ mill E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta 2017**

**Minn qalbi nsellem lil membri, soċi, u benefatturi kollha tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri f' Hal Qormi.**

**Nixtieq nifirħilkom għas-sens ta' impenn li għandkom, biex tipparteċipaw, b'mod attiva, fil-kommunità tagħkom. Il-festa ta' San Gorg tohloq opportunita' importanti ghall-kommunita' Gorgjana f' Hal Qormi, ghaliex hija mezz fejn theggeg hafla aktar membri tal-kommunita' isiru attivi.**

**Meta intom tiċċelebraw il-festa ta' San Gorg, qed issahhu l-ghaqda bejn il-kommunita' taghjom, u fuq kollox, qed turu li l-festi huma opportunita' biex igibu n-nies flimkien.**

**Irrid nheggigkom bliex din l-ghaqda li iggib il-festa ta' San Gorg tkun il-qafas li tkomplu tibnu madwaru biex isahhu l-ghaqda fil-kommunita' matul is-sena kollha.**

**Kemm hu sabih, f' dawn iz-zminijiet, naraw individwi u gruppi iġeddu it-tradizzjonijiet tal-festa. Tradizzjonijiet li baqgħu ħajjin, grazzi għad-dedikazzjoni ta' nies bħalkom, u li għandom l-għeruq tagħhom fil-karattru li jiddistingwina bħala nazzjon; karattru ta' kreattività, kultura u arti, ta' solidarjeta lejn il-proxxmu, u ta' devozzjoni spiritwali.**

**Inheggigkom biex tahdmu, biex tattiraw aktar zghazagh, halli l-festa tkun, ghalihom ukoll, opportunita' fejn jinghaqdu halli jizviluppuw it-talenti taghhom.**

**Minn qalbi, nirringrazzja l-Ghaqda San Gorg Martri tax-xoghol siewi li taghmlu, biex taghmlu l-kommunita' taghkom aktar attiva. Nawguralkom minn qalbi festa mill-isbah, fejn il kwalitajiet ta' San Gorg Martri idawlu s-sehem taghkom lejn l-imhabba u l-ghaqda fil-kommunita'.**

**Viva San Gorg.**